26 ta' April, 1955

*Imħallef:*

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Onor. Dr. Louis Galea, O.B.E., LL.D., ne.

*versus*

Nutar Alberto Sigismondo D'Andria

**Kitba taż-Żwieġ — Nutar — Penali — Kummerċjant — Domiċilju — Art. 31(1), 33 u 34 (1)(2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ**

*Skond il-Liġi Kummerċjali, kull nutar li jirċievi kitba taż-żwieġ, jew att ieħor li jbiddel dik il-kitba, bejn persuni li waħda minnhom tidħer f'dak l-att bħala kummerċjanti, għandu, fi żmien*

*anki jekk il-ġurnata mid-data ta' dik il-kitba jew att, jippreżenta lir-Reġistratur tal-Qorti Superjuri ta' Malta jew lir-Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex u Kemmuna, skond fejn tkun toqgħod il-parti li tidher bħala kummerċjanti, nota li tkun tikkontjeni l-partikularitajiet kollha li titlob l-istess liġi.*

*Dan l-obligu hu impost lill-istess parti meta fil-mument tal-kuntratt ma tkunx kummerċjanti, imma ssir wara, u meta, għalkemm tkun kummerċjanti fil-mument tal-kuntratt, però ma tkunx ġiet indikata bħala tali.*

*Dan l-obligu l-liġi timponih b'diversi sanzjonijiet biex tassikura fedelment l-adempiment tiegħu; u tirrendi tant lin-nutar kemm lill-istess parti passibbli għall-penali u konsegwenzi oħra komminati mill-istess liġi.*

*Imma dawn il-miżuri għandhom jiġu applikati in konformità mal-Liġi territorjali, jiġifieri mal-liġi tal-post fejn ikun eżerċitat il-kummerċ, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tal-partijiet interessati; u dawk id-disposizzjonijiet mhumiex obligatorji għal min ikun jeżerċita l-kummerċ barra minn dawn il-Gżejjer, lanqas jekk ikun ċittadin ta' dawn il-Gżejjer.*

*B'dan kollu, in-nutar għandu jimxi preċiżament skond l-ittra tal-liġi, mingħajr ma jħares lejn ħwejjeġ oħra li ma humiex imdaħħlin fl-ittra tagħha; u għaldaqstant, jekk huwa jonqos li jippreżenta l-imsemmija nota, hu passibbli għall-penali komminata mil-liġi anki jekk il-persuna li fil-kitba taż-żwieġ jew att ieħor tidher bħala kummerċjanti tkun domiċiljata barra minn dawn il-Gżejjer.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur nomine, wara li ppremetta illi fit-23 ta' Jannar, 1950, il-konvenut irċieva kuntratt ta' konvenzjonijiet ta' qabel iż-żwieġ, fejn il-kumparenti kienu Abraham Tayar, kummerċjant, bin il-mejtin Cesare u Corina Cohen, imwieled tas-Sliema u joqgħod San Ġiljan, Lilla Tayar, spiżjara, xebba, bint l-imsemmi Abraham Tayar u Rachele née Israel, imwielda l-Belt Valletta u toqgħod San Ġiljan (l-għarusa), u Frank Henry Tayar, kummerċjant, bin Salomone (magħruf bħala Ugo) u Dora née Markbrieter, imwieled u joqgħod Firenze u qabel joqgħod tas-Sliema (l-għarus); u illi l-imsemmi Frank Henry Tayar huwa ndikat fl-istess att bħala kummerċjant, u b'dan kollu l-istess konvenut naqas li jippreżenta lir-Reġistratur

tal-Qrati Superjuri ta' Malta, fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-data ta' l-imsemmi att, in-nota preskritta mill-art. 31 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 17); talab li premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, speċjalment dik li l-istess konvenut hu ħati tan-nuqqas fuq imsemmi, u l-provvedimenti opportuni, illi l-istess konvenut jiġi kundannat għall-penali ta' mhux iżjed minn £10, skond id-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 33 tal-Kodiċi ċitat. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta li, għalkemm il-kitba taż-żwieġ saret hawn Malta, però l-għarus, u konsegwentement l-għarusa, huma domiċiljati fl-Italja, u għalhekk il-liġi ta' Malta mhux applikabbli għalihom;

Omissis;

Tikkunsidra;

Illi, skond il-liġi kummerċjali, kull nutar li jirċievi kitba taż-żwieġ, jew att ieħor li jbiddel dik il-kitba, bejn persuni li waħda minnhom tidher fl-att bħala kummerċjanti, għandu, fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-data ta' dik il-kitba jew att, jipprezenta lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri ta' Malta, jew lir-Reġistratur tal-Qrati ta' Għawdex u Kemmuna, skond fejn tkun toqgħod il-parti li tidher bħala kummerċjanti, nota li tkun tikkontjeni l-partikularitajiet kollha illi tindika l-istess liġi (art. 31(1) Kodiċi tal-Kummerċ); u dan l-obligu huwa impost lill-istess parti meta fil-mument tal-kuntratt ma tkunx kummerċjanti, imma ssir wara, u meta, għalkemm tkun kummerċjanti fil-mument tal-kuntratt, però ma tkunx ġiet indikata bħala tali (art. 34(1) Kodiċi ċitat). Dana l-obligu l-liġi timponieh b'diversi sanzjonijiet biex tassikura fedelment l-adempiment tiegħu: tirrendi lin-nutar li jonqos minn dan id-dover tiegħu passibbli ta' penali ta' mhux aktar minn £10, fuq talba ta' kull parti nteressata jew ta' l-Attorney General quddiem din il-Qorti, jew quddiem il-Qorti ta' Għawdex u Kemmuna fil-Ġurisdizzjoni Superjuri Kummerċjali tagħha, skond il-każ (art. 33 Kod. ċit.); u tirrendi passibbli ta' l-istess penali, ripetibbli kif fil-każ tan-nutari, lill-istess parti li tonqos meta l-obligu jkun tagħha, u inoltre tqegħedha fil-pożizzjoni, jekk tfalli, illi l-falliment tagħha jkun jista' jiġi dikjarat doluż għall-fatt biss li

tkun naqset għal dana l-obligu tagħha (art. 34(2) Kodiċi ċitat);

Tikkunsidra;

*Illi* l-konvenut *ma jinnegax* il-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi *u li waħda* mill-partijiet — Henry Tayar — ġiet deskritta bħala kummerċanti, u lanqas in-nuqqas da parti tiegħu tal-preżentazzjoni tan-nota fuq riferita; huwa jissottometti biss li ma kellux l-obligu li jippreżenta din innota *billi dana* Henry Tayar kien u għadu domiċiljat fl-Italja, *u kwindi mhix applikabbli għalih il-liġi ta' Malta;*

Tikkunsidra;

Illi n-nota fuq riferita tiġi preżentata minn nutar, jew mill-parti, skond il-każ, lir-Reġistratur, sabiex dan jieħu ħsieb li kopja tagħha tiġi mwaħħla l-Borża u maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern, u biex idaħħalha fl-indiċi li huwa jżomm, f'ordni alfabetiku, ta' noti bħala li jiġu lilu preżentati — indiċi li l-publiku jista' jara (art. 31(2) u 32(1) u (2) tal-Kodiċi ċitat);

Illi dawn il-miżuri ta' publiċità huma stabbiliti biex jittutelaw il-bwona fede fil-kummerċ u biex jissalvagwardaw id-drittijiet tat-terzi kontra attijiet frawdolenti li xi neguzjant jista' ma' martu jitħajjar jagħmel;

Illi, meta *wieħed jirrifletti* għal dana l-iskop li għandhom dawn il-miżuri, għandu jikkonkludi illi l-istess għandhom jiġu applikati in konformità mal-liġi territorjali, jiġifieri mal-liġi tal-post fejn ikun eżerċitat il-kummerċ, tkun xi *tkun* iċ-ċittadinanza tal-partijiet interessati; għaliex dawn mhumiex dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kapaċità jew li b'xi mod jidħlu fl-istatut personali, u kwindi, kif l-istess dispożizzjonijiet għandhom ikollhom forza fuq l-istranjeri li jeżerċitaw il-kummerċ fl-Istat, hekk il-leġislatur nazzjonali ma jistax jippretendi li jirrendi obligatorji l-istess dispożizzjonijiet, magħmula għall-iskop indikat, għal min jeżerċita l-kummerċ barra mill-Istat, lanqas jekk ikun ċittadin; u l-liġi tal-post fejn isir il-kuntratt ma għandhiex tiġi osservata, billi ma jistax ikun hemm motiv biex tiġi osservata, għaliex dan il-post fejn isir il-kuntratt huwa għal kollox aċċidentali, u n-neguzjant jista' ma jkollu ebda stabbiliment kummerċjali fl-Istat fejn jiġu stipulati l-konven-

zjonijiet matrimonjali, fil-waqt li ċ-ċentru ta' l-affarijiet tiegħu u tar-relazzjonijiet mat-terzi jkun jinsab fis-sedi ta' l-istabbiliment kummerċali tiegħu. Il-liġi viġenti f'din il-lokalità, fejn ikun eżerċitat il-kummerċ, tiddetermina wkoll, bħala regola, l-effetti ta' l-adempiment tal-formalitajiet preskritti relattivament għad-drittijiet tat-terzi; u jingħad "bħala regola", għaliex jista' jkun hemm eċċezzjoni f'każ li l-konjuġi jkunu jippossjedu beni fi Stat divers minn dak fejn il-kummerċ ikun eżerċitat (Lyon-Caen et Renault, Vol. I, nro. 325; Diena, Dto. Int., Vol. II, paġ. 284, 285);

Tikkunsidra;

Illi mix-xhieda ta' Louis Sammut Briffa, addett għall-uffiċċju tal-Luogotenent Gvernatur, jirriżulta illi l-imsemmi Frank Henry Tayar, deskritt bħala kummerċjant fil-kitba taż-żwieġ fuq riferita, ġie naturalizzat f'Malta f'Settembru tal-1946, u li meta għamel l-applikazzjoni relattiva ddikjara li kien ilu Malta sebgħa snin; però, mix-xhieda ta' Abraham Tayar, ħatnu, jirriżulta illi r-residenza tiegħu qegħdha ġo Firenze, l-Italja, u l-kummerċ li jeżerċita jeżerċitah f'dik il-Belt, u li ma għandu ebda negozju hawn Malta;

Illi għaldaqshekk, konformement għall-prinċipji fuq ennunċjati, ir-regoli ta' publiċità tal-liġi Maltija fuq riferiti ma japplikawx għalih;

Tikkunsidra;

Illi, però, riferibbilment għall-obligu tan-nutar, il-liġi timponi lin-nutar dana l-obbligu kull meta jippublika kuntratt taż-żwieġ jew kull sussegwenti alterazzjoni ta' kuntratt ta' żwieġ, naturalment meta dana l-obligu jista' jiġi impost lilu, għaliex trid tassikura aħjar l-adempiment l-aktar preċiż tagħha. Aktar mis-sanzjonijiet komminati, il-leġislatur kellu in vista l-osservanza tal-liġi, u n-nutar, uffiċjal publiku, estraneu għall-kontraenti, huwa l-persuna li l-aktar tista' tiggarantixxi li jiġi soddisfatt il-vot tal-liġi. Għalhekk in-nutar għandu jimxi preċiżament skond l-ittra tal-liġi mingħajr ma jħares lejn ħwejjeġ oħra li ma jidħlux fl-ittra tagħha; u jekk il-liġi timponilu l-obligu li jippreżenta l-imsemmija nota f'kull każ ta' publikazzjoni ta' kitba taż-żwieġ, jew att ieħor li jbiddel dik il-kitba, bejn persuni meta waħda minnhom tidher bħala kummerċjanti —

għaliex il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni,— huwa jonqos mid-dover tiegħu u isir passibbli tal-penali fuq riferita, jekk f'dawn il-każijiet jonqos, għal kull raġuni, jipprezenta dik il-nota;

Għall-motivi premessi;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza, u kwindi tikkundanna lill-konvenut, meħudin in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ, għall-penali ta' 10s.; u, kunsidrata l-kwistjoni ta' liġi nvoluta, tordna illi kull parti tbati l-ispejjeż tagħha; però d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-konvenut.